# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru   19**

**Avviz  numru      1498/00/SM**

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Monseigneur u l-istess Anthony Monseigneur.**

**vs**

**Alfred Mifsud**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz tieghu sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' disa mija u sittax-il lira wiehed u tletin centezmu, (LM916.31,0), in kwantu ghall-seba' mija sitta u**

**sittin lira wiehed u tletin centezmu (LM766.31,0) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghall-mija u hamsin lira (LM150) lill-attur Anthony Monseigneur, in linea ta' danni – minnhom sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara San Gwann fl-14 ta' Mejju, 2000, meta waqt li hu kien qed isuq il-vettura Nru. EAB 207 habat mal-vettura Nru OCT 021 proprjeta' tal-attur Anthony Monseigneur – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Settembru, 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-1 ta' Settembru 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-14 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccipixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort ta' Anthony Vincent sive Antwin Monseigneur, is-sewwieq tal-vettura numru OCT 021 proprjeta' tal-attur Anthony Monseigneur, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieqa, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh f'San Gwann fl-14 ta' Mejju tas-sena 2000 ftit il-gewwa mill-inkrocju bejn Triq is-Sebuqa u Triq il-Bahar l-Iswed, bejn il-vettura tal-marka Volkswagon bin-numru OCT-021 misjuqa mill-attur Monseigneur u dik tal-marka Suzuki vann bin-numru EAB-207 misjuqa mill-konvenut;**

2. **Illi l-versjonijiet ta' l-incident kif deskritti mill-protagonisti ewlenin ma jaqblux f'xi dettallji essenzjali;**

3. **Illi l-attur isostni li hu u jsuq fi Triq is-Sebuqa fid-direzzjoni ta' Triq il-Bahar l-Iswed ra l-vettura tal-konvenut u peress li l-art kienet tizloq minhabba x-xita saret il-kollizjoni;**

4. **Illi l-konvenut isostni li hu kien tiela minn Triq il-Bahar l-Iswed diehel fid-direzzjoni ta' Triq is-Sebuqa, u ra lill-attur Monseigneur meta kien ghadu xi hmistax (15)-il metru l-boghod minnhu gej fid-direzzjoni tieghu b'velocita' qawwija u biex jevita incident waqqaf il-vettura tieghu biex Monseigneur ikun jista' jibqa' ghaddej;**

5. **Illi pero' l-konvenut isostni li ra lil dan Monseigneur jipprova jikkontrolla l-vettura tieghu, rah ifalli f'dan l-attentat, u finalment rah jiskiddja ghal gol-vettura tieghu u jwaddbu lura u jdawwru angolat mat-triq;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-versjoni tal-konvenut quddiem il-qorti kienet identika ma dik minnhu mghotija a tempo vergine lis-surgent li mar jeleva l-marki imhollija mill-vetturi u jirredigi l-iskizz li jifforma parti minn din il-procedura;**

**Illi din il-qorti taghti kredibilita` lill-versjoni tal-konvenut stante li l-istess skizz juri l-veradicita` ta' din il-**

**versjoni peress li l-iskizz juri biss kif il-vetturi spiccaw wara l-incident;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut Alfred Mifsud mhux responsabbli ghall-incident de quo u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**